MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 654/2005

**Andrews Feeds Malta Limited (C 406)**

**Vs**

**Mario Buttigieg (ID 311791M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm542 (hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin) rapprezentanti prezz ta’ ghalf li l-konvenut xtara minghand is-socjeta’ attrici u hallas permezz ta’ cekk tal-bank APS Bank Limited datat 24 ta’ Dicembru, 2003 liema cekk ma giex accettat mill-istess bank stante li l-konvenut ma kellux fondi fil-kont bankarju tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra li l-konvenut deher ghas-seduta tal-21 t'April, 2005 u ammetta l-kawza.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm542 (hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------